

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 14.2.2011
KUMM(2011) 59 finali

2011/0030 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Speċjali tal-UE-Ċili dwar Kooperazzjoni Doganali u Regoli tal-Orìgini relatati mal-Anness III tal-Ftehim li jstabilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' Ċili, fuq in-naħa l-oħra, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti ta' oriġini" u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet għall-proposta u għanijiet tagħha**

Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' Ċili, min-naħa l-oħra, kien iffirmat fit-18 ta' Novembru 2002.

L-Anness III tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u ċ-Ċili dwar it-tifsira tal-kunċett tal-'prodotti ta' oriġini' u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, jistabbilixxi r-regoli tal-oriġini għall-prodotti li joriġinaw mit-territorju tal-Partijiet f'dan il-Ftehim.

Iċ-Ċili u l-Unjoni Ewropea ftehm li jintroduċu kjarifikazzjoni tar-regoli ta' oriġini li jinsabu fl-Anness III. Dan se jsir permezz ta' nota ta' spjegazzjoni mal-Anness III.

- **Kuntest ġenerali**

L-Anness III daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2003. Noti ta' Spjegazzjoni mal-Anness III – li d-dispożizzjonijiet tiegħu jservu l-għan li jipprovdu lill-awtoritajiet doganali b'linji gwida ċari dwar l-applikazzjoni fil-prattika tal-Anness III ta' mal-Ftehim – ilhom fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2004.

- **Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Ma hemm l-ebda dispożizzjoni eżistenti fil-qasam tal-proposta.

- **Konsistenza mal-bqija tal-politiki u l-għanijiet tal-Unjoni**

Mhux applikabbli.

2. RIŻULTATI TA' KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Mhux rilevanti.

Din il-proposta tintroduċi kjarifikazzjonijiet għal test preċedenti.

- **Il-ġbir u l-użu tal-kompetenza**

Ma kien hemm l-ebda bżonn ta' għarfien espert estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux rilevanti. Din il-proposta ddaħħal kjarifikazzjonijiet għal ftehim ta' kummerċ bilaterali eżistenti. Ma hemm l-ebda għażla oħra biex tiġi kkunsidrata.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

- **Sommarju tal-azzjoni proposta**

Il-Kunsill qed ikun mitlub biex jadotta pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fuq abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Speċjali ta' bejn l-Unjoni Ewropea u ċ-Ċili dwar Kooperazzjoni Doganali u Regoli tal-Orìgini li jintroduċu kjarifikazzjonijiet fir-regoli ta' orìgini li jinsabu fl-Anness III ta' mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' 'prodotti ta' orìgini' u l-metodi tal-kooperazzjoni amministrattiva.

- **Bażi legali**

L-Artikolu 39 tal-Anness III ta' mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jagħti l-poter lill-Partijiet sabiex jiftehmu fuq in-Noti ta' Spjegazzjoni dwar l-interpretazzjoni, l-applikazzjoni u l-amministrazzjoni ta' dan l-Anness fi ħdan il-Kumitat Speċjali dwar il-Kooperazzjoni Doganali u r-Regoli tal-Orìgini. .

- **Il-prinċipju tas-sussidjarità**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni(jiet) li ġejjin:

Mhux rilevanti.

- **L-għażla tal-istrumenti**

L-istrumenti proposti: oħrajn.

Mezzi oħra ma jkunux xierqa għar-raġuni(jiet) li ġejjin:

Deċiżjoni tal-Kumitat Speċjali tal-UE-Ċili dwar Kooperazzjoni Doganali u Regoli tal-Orìgini.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit tal-Unjoni Ewropea.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Speċjali tal-UE-Ċili dwar Kooperazzjoni Doganali u Regoli tal-Orìgini relatati mal-Anness III tal-Ftehim li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-waħda u r-Repubblika ta-Ċili, fuq in-naħa l-oħra, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti ta' oriġini" u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 207(3) u (4) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-regoli tal-oriġini preferenzjali huma essenzjali għall-funzjonament korrett tal-ftehim dwar kummerċ ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-išhab fil-kummerċ tagħha, inkluż iċ-Ċili. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-waħda, u ċ-Ċili, fuq in-naħa l-oħra, iffirraw Ftehim tal-Assoċjazzjoni fit-18 ta' Novembru 2002¹.
- (2) L-Anness III ta' mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jagħti tifsira lill-kunċett ta' "prodotti ta' oriġini" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva. Dan l-Anness daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2003.
- (3) Noti ta' Spjegazzjoni mal-Anness III – li d-dispożizzjonijiet tiegħu jservu l-għan li jipprovdu lill-awtoritajiet doganali b'linji gwida ċari dwar l-applikazzjoni fil-prattika tal-Anness III ta' mal-Ftehim – ilhom fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2004.
- (4) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni għandu l-għan fl-Artikolu 58 li jelimina t-taxxi doganali fuq oġġetti li joriġinaw f'Parti waħda u li jiġu esportati lill-Parti oħra billi jirreferi għar-regoli tal-oriġini msemmija fl-Anness III tal-Ftehim. L-Anness, fl-Artikolu 36(2), jirreferi għat-"territorju doganali tal-Komunità",

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-iskop tal-Anness III tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati l-Membri tagħha u r-Repubblika ta-Ċili, it-termini "territorju doganali tal-

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2002. ĠU L 352, p.1

Komunità" jkopri t-territorju doganali tal-Komunità Ewropea (issa magħrufa bħala l-Unjoni Ewropea) kif definit mill-Artikolu 3.1 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe emenda futura jew tħassir ta' leġiżlazzjoni eżistenti.

Din in-Nota ta' Spjegazzjoni hi mingħajr preġudizzju għat-Titolu VII dwar Ceuta u Melilla ta' dak l-Anness III.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ b'effett immedjat.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNEX

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT SPEĊJALI UE-ĊILI DWAR KOOPERAZZJONI DOGANALI U REGOLI TAL-ORIĠINI

Nru.../2010

relatata mal-Anness III tal-Ftehim tal-Assoċjazzjoni li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, fuq in-naħa l-oħra, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti ta' oriġini" u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

IL-KUMITAT SPEĊJALI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim tal-Assoċjazzjoni tat-18 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, fuq in-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tal-Anness III dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' prodotti ta' oriġini u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva,

Billi:

- (1) L-Anness III tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jistabbilixxi r-regoli tal-oriġini għall-prodotti li joriġinaw fit-territorju tal-Partijiet f'dan il-Ftehim.
- (2) L-Artikolu 36(2) tal-Anness jirreferi għat-"territorju doganali tal-Komunità".
- (3) Hu kkunsidrat xieraq li wieħed jiddefinixxi t-termini "territorju doganali tal-Komunità" sabiex wieħed jiżgura l-applikazzjoni territorjali korretta tal-Anness fil-forma ta' Nota ta' Spjegazzjoni mal-Anness.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Għall-iskop tal-Anness III tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika taċ-Ċili, it-termini "territorju doganali tal-Komunità" jkopri t-territorju doganali tal-Komunità Ewropea (issa magħrufa bħala l-Unjoni Ewropea) kif definit mill-Artikolu 3.1 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe emenda futura jew tħassir ta' leġiżlazzjoni eżistenti.

Din in-Nota ta' Spjegazzjoni hi mingħajr preġudizzju għat-*Titlu VII* dwar Ceuta u Melilla ta' dak l-Anness III.

Artikolu 2

Din id-Deċizzjoni għandha tidħol fis-seħħ b'effett immedjat.

Magħmula fi xxx,

*F'isem il-Kumitat Speċjali
Il-President*